# IL-KNISJA KATIDRALI TA' MALTA

**Illum lejliet l-Imnarja u nisthajjel li xi whud minnkom qeghdin jistennew minni xi artiklu dwar din il-festa tipikament maltija; imma fuq dan is-suggett ga kellimtkom hames snin ilu u jien ma nhobbx nirrepeti dak li nkun ga ghidt jew ktibt qabel. Ghalhekk, biex ma nohrogx mill-ambjent ta' dik il-festa, hsibt u rajt li nkellimkom dwar il-Knisja Katedrali tal-Imdina, li fiha tigi celebrata solennement il-festa tal-Martirju ta' San Pietru u San Pawl, li kienet l-origini tal-Imnarja**



## *Minn Mons. Prof. A. Bonnici*

### IT-TERREMOT TAL-1693

Fil-11 ta' Jannar 1693, fil-ghaxra ta' bil-lejl, ghamel terremot kbir, li hezzez ix-xtajtiet tal-Mediterran ghal bosta drabi. Il-belt ta' Katanja sofriet hsara l-aktar kbira. It-thezziz inhass hawn Malta ukoll, fejn il-hsara ma kinetx ckejkna, ghax, fost bini iehor, dak it-terremot waqqa' l-Kattidral qadim ta' l-Imdina.

M'ghandniex xi nghidu, il-waqgha ta' Katidral kienet grajja li hassha kulhadd. Hassha l-Isqof David Cocco Palmieri, li kien qed imexxi d-djocesi; hassha l-Kapitlu tal-Kattidral; ghax kienet il-knisja fejn kien iservi; hassha l-kleru u l-poplu malti, ghax qalbhom minn dejjem kienet marbuta mal-knejjes taghhom.

Imma d-Djocesi Maltija ma kellhiex tibqa' minghajr l-Katidrali taghha. Ghalhekk, l-Isqof u l-Kapitlu tieghu malajr bdew jahsbu biex jibnu knisja ohra gdida flok il-qadima mgarrfa'. Ix-xoghol inbeda fis-sena 1697.

Gara li, waqt li l-haddiema kienu qeghdin ihaffru biex iwessghu l-pjazza li kellha tinfetah quddiem il-knisja l-gdida, waqa' taht idejhom vazun tar-ramm mimli muniti tad-deheb, li kienu jiswew dak iz-zmien 8,733 skud, li jgibu mas-£728 — somma kbira gmielha ghal dak iz-zmien.

Dik is-somma nqasmet bejn l-Inkwizitur u l-Kapitlu tal-Kattidral. Dan ta s-sehem tieghu kollu, halli seta' b'hekk jissokta, b'heffa akbar, ix-xoghol tal-bini tal-kattidral. Fit-8 ta' Ottubru 1702, l-Isqof Cocco Palmieri seta' jikkonsagra dak il-Kattidral kwazi lest ghal kollox.

### IL-PJANTA TAL-GAFA'

Il-knisja l-gdida nbniet fuq il-pjanti tal-arkitett malti Lorenzu Gafa', li allura ta' 67 sena, kien fl-aqwa maturita' tieghu fil-professjoni arkitettonika.

Ghalhekk, hareg minn taht idejh xoghol monumentali. Il-Gafa' la ghazel stil imtaqqal bhal dak tal-knisja ta' San Lawrenz fil-Birgu u lanqas stil hafif bhal dak ta' Santa Katerina taz-Zejtun. Huwa zamm it-triq tan-nofs u tana faccata l-aktar sabiha bi stil korint fil-parti nferjuri u stil kompost fil-parti superjuri taghha, b'sens ta' proporzjon li jghaggeb.

Il-faccata hija mqassma fi tliet sezzjonijiet permezz ta' pilastri akkoppjati li jixhtu l-quddiem il-parti nofsanija. Din fiha bieb sabih, imzejjen b'zewg statwetti tal-bronz — San Pietru u San Pawl — xoghol ta' Melkjorre Gafa'.

Fuq dan il-bieb hemm 3 armi. fin-nofs, l-arma tar-Re Kattoliku ta' Spanja (wiehed ghandu jkun jaf li wkoll taht il-Kavallieri Malta kellha bhala sovran taghha lir-Re ta' Spanja, irrapprezentat mill-vicire' ta' Sqallija); fil-lemin l-arma tal-Grammastru ta' dak iz-zmien, Ramon Perellos; u fix-xellug l-arma tal-Isqof Cocco Palmier. Fuq dak l-istess bieb, fis-sekond ordni, tinfetah tieqa u fuqha frontispizju li jaghlaq b'salib arciveskovili.

'Il fuq miz-zewg bibien tal-gnub wiehed jilmah zewg arloggi: tal-lemin juri il-hin tal-gurnata, tax-xellug juri l-gurnata u x-xahar u l-gurnata tal-gimgha bl-inizjali tal-kelmiet taljani — D(omenica), L(unedi), M(artedi), ecc.

### KAMPNARI U KOPPLA

Izjed gholjin mill-frontispizju johorgu zewg kampnari laterali u aktarx baxxi, forniti bi qniepen qodma hafna: fosthom it-tielet wahda, li saret fl-1370 — 605 snin ilu — takkarna f'meta Malta kienet immexxija mill-Aragonizi taht Federiku II.

Il-koppla tal-kattidral hi ta' forma ottagona — bi 8 faccati), maghqudin flimkien artistikament permezz ta' pilastri doppji. Hija kapolavur, li fih, jghidilna Quentin Hughes, il-Gafa wera stil ambizzjuz u dinamiku. Min m'hux ma rahiex dik il-koppla huwa u tiela' r-Rabat, tiddomina fuq il-kampanja ta' tahtha? Kemm kienet tkun mixghula sabih bil-fjakkoli, mixghela li

(Ikompli fil-pagna 3)

# IL-KNISJA KATIDRALI TA' MALTA.

(Jaqbad mill-paġna 3)

tat l-isem tal-Imnarja lill-festa ta' San Pietru u San Pawl. U kemm kienet tgħaxxqek bil-lejl meta l-Gvern kien jixgħelha, bħala attrazzjoni turistika, b'dawk id-dwal ħodor u ħomor! Xi dnub, illum, le-liet l-Imnarja, ma nistgħux ingawdu dik is-sbuħija ta' darba!

## EJJA NITTAWLU FTIT GEWWA

Issa nidħlu nittawlu ftit fil-Knisja Kattidrali. Il-knisja titqassam f'korsija u żewġ navati laterali. Mal-presbiterju jinfetħu żewġ kappelluni u mal-ġnub tal-kor hemm żewġ kappelli. B'kollox hemm 10 artali barra l-artal maġġur. Dan l-artal hu xogħol artistiku u sabiħ ta' rħamijiet l-aktar prezzjużi, fosthom il-lapislazuli.

Fuq il-presbiterju hemm żewġ statwi ta' rħam abjad; waħda turi lil San Gwann Evanġelista u l-oħra lil Mose', maħdumin minn artista Taljan, li kien Garibaldin u, għalhekk, għamel lil Mose' jixbaħ ħafna lil Garibaldi.

Il-kor hu miksi fil-ġnub minn xogħol tal-injam sabiħ bħala sedji għall-kanonċi u għall-kleru li jservu l-Kattidral. Fih id-dahar tas-sedji mżejjen b'figuri ta' qaddisin intarsjati artistikament fl-njam mill-artista Malti Decelis.

Il-parti ta' fuq hija qadima ħafna għax tifforma parti mill-Kor il-qadim, li tiegħu wieħed għadu jista' jara xi "panels" fil-Mużew tal-Kattdral.

Il-prospettiva tal-Kor, maħduma minn artisti naplitani, hi mżejna bi rħamijiet sbieħ li nġabu, kif jingħad, mir-rovini ta' Kartaġni. L-artal tal-Kor, ta' rħam fin, hu mżejjen bil-kwadru tal-konversjoni ta' San Pawl,, impitter minn Mattija Preti. Tal-istess artista hija wkoll l-abside jew arzella ta' fuq il-kwadru.

Din l-arzella hi l-parti tal-knisja l-qadima li baqgħet ma ġġarfetx bit-terremot. Kwadri oħra tal-Preti huma t-tnejn laterali — il-Martirji ta' San Pietru u ta' San Pawl, il-Magħmudija ta' Kristu u l-kwadru li juri lil San Pawl u jfakkarna fil-ġrajja ta' meta, fis-sena 1480, 18,000 moru ħabtu għall-Imdina u deherilhom San Pawl bix-xabla f'idu riekeb fuq żiemel u ħarbat-hom għal kollox. Fi ħbit ieħor tat-Torok, li sar fl-1551, ifakkarna l-kwadru ta' Sant'Agta, li ddefendiet lill-Maltin f'dik l-okkażjoni.

## IL-KAPPELLI

Fil-kappella tas-Sagrament wieħed jara artal sabiħ ta' rħam imżejjen bil-fided, don tal-Isqof Alpheran de Bussan, u fuqu l-kwadru qadim u mirakuluż tal-Madonna, li ġiet inkoronata sollennement fis-sena 1898. Fil-kappella l-oħra tal-Kurċifiss — naraw Kurċifiss artistiku maħdum fl-injam minn Patri Franġiskan Fra Innoċenzju Petralia, u kopja ta' kwadru qadim tas-seklu ħmistax, li turi wiċċ San Pawl, miksija bil-fidda. L-oriġinal jinsab fil-Mużew.

Fl-istess Knisja wieħed jara fonti batteżimali l-aktar qadim ta' rħam u injam, li tħadditna ġa darb'oħra fuqu, statwa ta' rħam abjad ta' San Publju, u monumenti sepolkrali ta' xi Isqfijiet.

Ħafna lapidi ta' rħam kulurit jiksu l-paviment; xogħol ta' "opus sectile" sabiħ narawħ fil-kappella tal-Kurċifiss.

Mhux ta' min iħalli barra, flaħħarnett, il-bibien tal-Kattidral il-qadim, li llum jinsabu jagħlqu entratura fis-sagristija, xogħol ta' sbuħija u arti liema bħalha fl-injam. Professur Raffaele Causa, Direttur tal-Mużew ta' Capodimonte, issaħħar warajhom u qal li jixirqu jkunu esposti l-aqwa Mużej tal-Mediterran.

Issa ħarsu ftit 'il fuq u araw il-koppla mpittra fi żmienna mill-pittur taljan Cesari Rore. Din ħassret dik li fl-1860 kien pitter l-artista G. Garrucii. Il-... lia tpittret mill-Isqalli Vincenzo Mazno fl-1794, u qegħda tiġi restawrata. Kienet idea sabiħa li l-Kapitlu ħarax dak it-tibjid li kien igħatti l-ħitan tal-pilastri, u wera il-ġebla maltija fis-sbuħija tal-bini tagħna.

U hawnhekk nieqaf, għax qed nistħajjel li xi ħadd minnkom qed igerger u jgħid: "Dan mhux artiklu ta' gazzetta, iżda gwida tal-Kattidral!" U jien it-tgergir ma nħobbux.